# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru, 2022

**Kawża Nru. 5**

**Rik. Nru. 287/2020 ISB**

**Mark Calleja (K.I. 142593M)**

**Vs**

1) **Ministru Għall-Edukjazzjoni u Impiegi**

2) **Chief Scholarships Officer (Scholarships Unit) fi ħdan il-Ministeru Għall-Edukazzjoni u Impiegi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** tar-rikorrent Mark Calleja tat-2 ta' Diċembru 2020, li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi t-tħaddim tal-'Veterinary Studies Scholarships Scheme' tal-2020, fil-konfront tar-rikorrenti taw lok u ikkostitwixxa ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu senjatament dawk kif sanċiti fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew l-ewwel artikolu tal-Protokoll numru tnax (12) li hemm mal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;*

2. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-'Veterinary Studies Scholarships Scheme Regulations 2020', senjatament artikolu 11 tal-istess, kien leżiv u nkonsistenti mad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew l-ewwel artikolu tal-Protokoll numru tnax (12) li hemm mal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;*

3. *Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti billi takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi;*

4. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għal din il-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u konsegwentement għall-ħlas ta' kumpens lir-rikorrenti;*

5. *Tillikwida l-istess kumpens, ai termini tal-liġi u tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Tikkundanna lil intimati jew min minnhom iħallsu l-istess kumpens hekk likwidat lir-rikorrenti;*

U dan wara illi ppremetta:

1. *Illi r-rikorrenti fil-preżent hu student li qed isegwi l-kors ta' studju intitolat "Doctor of Veterinary Medicine" ġewwa l-"University of Veterinary Medicine" f'Budapest l-Ungerija, liema studju hu beda f'Settembru 2014;*

2. *Illi fil-preżent f'Malta ma hawnx Università jew istituzzjoni akkredita li toffri l-kors ta' studju li jwassal sabiex student prospettiv jkun jista' jipprattika l-professjoni ta' Veterinarju. Illi għal din ir-raġuni kull min irid isegwi din il-linja ta' studju jrid isegwi l-istudji tiegħu f'Universitajiet esteri. Illi l-maġġor parti ta' dawn l-istudenti Maltin jinkitbu u jsegwu l-istudji veterinarji tagħhom fl-imsemmija Università ġewwa Budapest stante li hi Università magħrufa internazzjonalment u l-kors isir bl-ilsien Ingliż;*

3. *Illi nhar l-10 ta' Lulju 2020 tħabbar mill-Ministru intimat u mill-Ministeru tiegħu (vide 'Dok. A') illi ser tiġi imnedija għal ewwel darba Skema ossia Borża ta' Studju ġdida intitolata 'Veterinary Studies Scholarship Scheme' li hi maħsuba sabiex studenti li qed isegwu l-kors ta' veterinarju li jwassal għall-Qafas Malti tal-Kwalifiki fil-livell 7 (MQF Level 7) u cioe' li jwassal għal reġistrazzjoni tal-kirurgi veterinarji kif rikonixxut mil-Bord tal-Kirurgi Veterinarji, sabiex kemm studenti preżenti kif ukoll studenti prospettivi, jiġi rimborsat lilhom il-miżata tal-Università li jkunu ħallsu (vide 'Dok. B');*

4. *Illi b'hekk din l-iskema ġiet applikata b'effett retrospettiv stante illi ippermettiet li studenti li diġà jkunu qed isegwu l-imsemmi kors, xorta jkunu ntitolati li jibbenefikaw minn din il-Borża ta' Studju;*

5. *Illi skond ir-reġolamenti ta' din l-iskema ntitolati "Veterinary Studies Scholarships Scheme Regulations" li qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. Ċ', ir-rikorrenti minħabba li hu student preżentement attiv li qed isegwi dawn l-istudji, jidher li jikkwalifika biex japplika ai termini ta' dak stipulat fil-parti intitolat "Eligibility" li tinsab f'Artikolu 4 tal-istess. Ma dana kollu l-istess regolamenti iktar il-quddiem taħt Artikolu 11, intitolat "Value of Awards and Payments" li ma għandu x'jaqsam xejn mal-eliġibilita tal-istudenti, jistipula (b'tipa irqiqa) illi "...no other commencement date prior to 2016 will be accepted";*

6. *Illi din id-data ta' qtugħ tqanqal dubji serji dwar l-oġġettivita u dwar il-motivazzjonijiet li fuqhom tinsab imsejsa. Illi se mai, jekk l-intimati riedu jagħtu applikazzjoni retrospettiva ta' din l-iskema, din l-opportunita' kellha tingħata lil istudenti attivi kollha b'mod ugwali u mhux għal uħud minnhom biss. Illi b'hekk tali data ta' qtugħ ma tirrispettax il-prinċipju ta' trattament ugwali u toħloq diskriminazzjoni sfaċċata bejn studenti li jinsabu fl-istess ċirkostanzi;*

7. *Illi wara li r-rikorrenti lissen l-ilment tiegħu dwar dan il-fatt, intqal lilu mill-intimata 'Chief Scholarships Officer' illi ma kien hemm xejn xi jwaqqfu milli jipproċedi sabiex jissottometti l-applikazzjoni tiegħu liema applikazzjoni tiġi xorta kkunsidrata. Illi sussegwentement ir-rikorrenti proċeda sabiex jissottometti l-applikazzjoni tiegħu;*

8. *Illi nhar il-25 ta' Awwissu 2020, ir-rikorrenti ġie infurmat permezz ta' email mil-'Veterinary Studies Scholarships Scheme Board' hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. D', illi l-applikazzjoni tar-rikorrenti hi waħda ineligibbli minħabba l-fatt illi hu kien beda l-istudji tiegħu fl-2014 u dan fid-dawl ta' klawsola 11.1 tar-reġolamenti ta' din l-iskema;*

9. *Illi fis-27 ta' Awwissu 2020 u dan skond kif jistiepulaw ir-regolamenti ta' din l-iskema, r-rikorrenti proċeda sabiex*

*jappella minn din id-deċiżjoni quddiem l-'Scholarship Appeals Board' fit-terminu lilu prefiss;*

10. *Illi nhar id-9 ta' Ottubru 2020, l-'Scholarship Appeals Board' informa lir-rikorrenti bid-deċiżjoni tiegħu kopja hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. E', illi permezz tagħha kkonkluda inter alia illi l-interpretazzjoni tar-regolamenti da parti tal-'Veterinary Studies Scholarships Scheme Board' kienet waħda korretta u għalhekk l-appell tar-rikorrenti ma setgħax jintlaqa;*

11. *Illi fl-umli fehma tar-rikorrenti, din l-iskema hija bil-wisq inġusta u diskriminatorja għall-aħħar stante li tgħat il-fakultà lil uħud biss u cioe circa 26 mill-istudenti preżenti li jibbenefikaw minn din l-iskema filwaqt illi teskludi minoranza żgħira u cioe circa 4 mill-preżenti studenti milli jibbenefikaw minn din l-iskema u dan mingħajr ebda raġuni loġika u valida fi-liġi;*

12. *Illi fl-umli fehma tar-rikorrenti l-kriterju li fuqu hija imsejsa d-deċiżjoni tal-intimati jew min minnhom illi student li jkun beda l-istudji tiegħu qabel is-sena 2016 ma jkunx eliġibbli li jibbenefika minn din l-iskema u dan minkejja li jkun student preżentement attiv, toħloq diskriminazzjoni u inġustizzja lampanti;*

13. *Illi b'dan il-mod, ir-rikorrenti ġie inġustament diskriminat u ġie imċaħħad mingħajr ebda raġuni valida milli jibbenefika minn dawn il-fondi pubbliċi u dan b'kuntrast ma studenti oħra bħalu li huma ukoll preżentement attivi u li qed isegwu l-istess kors u li tħallew jipparteċipaw u jibbenefikaw minn din l-iskema;*

14. *Illi għalhekk fil-konfront tal-esponenti ġie miksur l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew l-ewwel artikolu tal-Protokoll numru*

*tnax (12) li hemm mal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;*

Rat id-dokumenti esebiti mar-Rikors promotur (fol 6 sa 36);

Rat id-digriet taghha kif diversament preseduta li permezz tiegħu il-kawża ġiet appuntata għad-9 ta' Frar 2021 fid-9:15a.m.

Rat ir-**risposta** tal-**Ministru għall-Edukazzjoni u Impiegi u tac-Chief Scholarship Officer (Scholarships Unit) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Impiegi** intavolata fit-22 ta' Diċembru 2020 (fol 42) li permezz tagħha eċċeppixxew:

1. *Illi in limine litis ukoll, jekk kif qed jgħid ir-rikorrent, huwa kellu jinghata il-borza ta' studju intitolata Veterinary Studies Scholarship Scheme, allura r-rimedju li kellu juża r-rikorrenti huwa li jressaq kawża ordinarja kontra s-segretarju permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-edukazzjoni u l-Impiegi sabiex il-Qorti tordnalhom illi jirrikonoxxu illi huwa eligibbli ghall-imsemmija borza ta' studju skont is-skema u li għalhekk tikkundannah iħallas id-danni talli huwa naqqas milli jaghtih il-borza ta' studju;*

   *Min-naħa 'l-oħra jekk ir-rikorrent qiegħed jattakka deċiżjonijiet amministrattivi meħuda mill-konvenuti talli giet michuda t-talba, allura huwa messu nieda azzjoni taħt l-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex iħassar dawk id-deċiżjonijiet amministrattivi, jekk huwa tassew minnu dak li qed jgħid ir-rikorrent li dawk id-deċiżjonijiet ittieħdu b'mod arbitrarju, abbużiv u bi ksur tal-liġi;*

   *Huwa evidenti li t-tilwima li r-rikorrent għandu ma' xi wħud mill-intimati mhijiex waħda ta' sura kostituzzjonali, iżda hija waħda ta' għamla amministrattiva, viz. jekk huwa tabilħaqq huwiex eligibbli ghal borza ta' studju skond lis-skema Veterinary Studies Scholarship Scheme;*

   *Billi għalhekk ir-rikorrent kellu f'idejh rimedji ordinarji biex jindirizzaw l-ilmenti tiegħu, huwa l-każ li din l-Onorabbli Qorti*

*toqgħod lura milli tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha skont l-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni** u l-proviso tal-**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;***

2. *Illi l-esponenti jirrilevaw **Preliminarjament** illi t-talba tar-rikorrenti timpernja fuq ilment ta' ksur ta jew **l-artikolu 14 tal-konvenzjoni Ewropeja**. L-esponenti jecepixxu illi ai termini tal-istess artikolu illi "The enjoyment of the rights and freedoms set forth in this Convention shall be secured without discrimination.." Ghaldaqstant l-azzjoni odjerna kif imressqa mir-rikorrent ma tistax tirnexxi stante illi ilment ghal trattament diskriminatorju jrid jkun allaccat ma ilment ta' ksur ta' dritt fundamentali iehor stipulati fil-Kostituzzjoni ta' Malta jew fil-Konvenzjoni Ewropeja. Konsegwentament it-talba tar-rikorrent safejn tolqot it-talba ghal ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea hija improponibbli u ghandha tigi dikjarata bhala tali;*

3. *Illi safejn l-ewwel talba tar-rikorrenti hija msejsa fuq l-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea**, jingħad li r-rikorrent ma indikax fuq liema kawżali jew status huwa allegatament ġie diskriminat. Skont dan l-**artikolu 14**, it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-**Konvenzjoni** għandha tiġi żgurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor. Minn din il-perspettiva, ma ġiex muri li l-allegat trattament diskriminatorju, kien imsejjes fuq xi kawżali ta' status, inkwantu karatteristika personali tiegħu. Għalhekk ġaladarba t-trattament divers imqanqal mir-rikorrent mhuwiex xprunat fuq l-ebda wieħed mill-kawżali li jinsab protett mill-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni**, isegwi li minn dan l-aspett, l-istħarriġ konvenzjonali ma jistax jiġi milqugħ;*

4. *Illi miżjud ma' dan, u dan jgħodd kemm għad-dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni kif ukoll għal dik tal-Konvenzjoni Ewropea, huwa manifest li l-klawzola tal-iskema li qeghda tigi attakata mir-rikorrenti, tapplika indiskriminatament għal kull persuna illi m'ghandiex commencement date qabel is-sena 2016. Għalhekk ir-rikorrent ma jistax jargumenta li ġie żvantaġġat meta mqabbel ma ħaddieħor għaliex dak il-ħaddieħor qiegħed jiġi trattat eżattament bħalu. L-esercizzju li jsir fil-kuntest ta' diskriminazzjoni huwa esercizzju ta' like with like. Li kieku r-rikorrent ma inghatax il-borza ta' studju u studenti ohrajn illi bdew il-kors qabel is-sena 2016 inghataw tali borza, hemmhekk l-ilment tieghu kien jkun korrett, imma dan m'huwiex certament il-kaz fl-ilment odjern;*

5. *Illi l-esponenti jecepixxu l-***inapplikabbilita' tal-ewwel artikolu tal-protokoll numru tnax (12) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem** *stante illi huwa jgħodd biss għall-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux għall-Qrati Maltin;*

6. *Illi l-esponenti jecepixxu l-inapplikabbilita' tal-***artikolu 41 tat-Trattat tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem** *stante illi huwa jgħodd biss għall-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux għall-Qrati Maltin;*

7. *Illi safejn it-tieni talba hija msejsa fuq* **l-ewwel artikolu tal-protokoll numru tnax (12) tal-Konvenzjoni Ewropea** *u qed jigi allegat illi l-klawzola numru 11 tas-skema Veterinary studies scholarship Scheme jilledi tali artikolu, l-esponenti jirrilevaw illi fl-ewwel lok, l-ewwel artikolu tal-protokoll numru tnax (12) jistpula illi jrid jezisti dwar dritt sancit bil-ligi. Fil-kaz odjern ma hemm ebda dritt sancit bil-ligi illi persuna tkun eligibbli jew sahanistra tinghata l-borza ta' studju imma biss skema li l-gverna nieda fil-ezekuzzjoni tal-mandat ezekuttiv u amministrattiv tieghu. Fit-tieni lok, l-istess tgawdija ttad-*

*drittijiet u libertajiet kontemplati fil-**Konvenzjoni** għandha tiġi żgurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor. Minn din il-perspettiva, ma ġiex muri li l-allegat trattament diskriminatorju, kien imsejjes fuq xi kawżali ta' status, inkwantu karatteristika personali tiegħu. Għalhekk ġaladarba t-trattament divers imqanqal mir-rikorrent mhuwiex xprunat fuq l-ebda wieħed mill-kawżali li jinsab protett mill-**ewwel artikolu tal-protokoll numru tnax (12) tal-Konvenzjoni**, isegwi li minn dan l-aspett, l-istħarriġ konvenzjonali ma jistax jiġi milqugħ;*

8. *Illi l-esponenti jirrilevaw illi r-rikorrent donnu qieghed jissottometti illi huwa ghandu dritt sancit sabiex jottjeni tali borza ta' studju imma ma jaghmel accenn ghal ebda Ligi li taghtih dan id-dritt. Ir-rekwiziti mfissra fil-guidelines huma rekwiziti stabbiliti mill-Gvern wara li l-Ministeru ghall-Edukazzjoni u l-Impjieg ghamel eżercizzju sabiex jara illi l-fondi li hemm prezenti ghal dawn it-tip ta scholarships jolqtu l-massimu ta' nies possibli u jigu accettati l-massimu ta' applikazzjonijiet possibli. Pero m'hemm ebda artikolu fil-ligi illi jistipula illi d-dipartiment governattiv m'ghandhux jaghmel cut-off date. Il-cut-off date imnizzla fil-guidelines saret biex kull min fis-sena akkademika li ġejja jkun qiegħed isegwi kors ikun jista' jibbenefika. Illi huwa inevitabbli illi l-gvern jaghmel cut-off date minhabba s-semplici fatt illi m'huwiex possibili illi tinghat ghajnuna lill kulhadd. Tenut kont dan ma hemm ebda raguni oskura fir-rigward tal-parametri mahruga mill-esponenti u li ghalhekk ma sehh ebda diskriminazzjoni fil-konfront tieghu;*[1]

[1] Vide **Amato Gauci vs. Malta**, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem: "The Court reiterates that no discrimination is disclosed by a particular date being chosen for the commencement of a new legislative regime, **and that differential treatment arising out of a legislative change is not discriminatory where it has a reasonable and objective justification in the interests of the good administration of justice. The use of a cut-off date creating difference in treatment is an inevitable consequence of introducing new systems which replace previous and outdated schemes. Moreover, the choice of such a cut-off date when introducing new regimes falls within the wide margin of appreciation afforded to a State when reforming its policies."**

9. *Illi l-esponenti jagħlqu billi jtennu li ladarba r-rikorrent ma seħħlux juri li ġarrab ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali, kif mitluba fl-ewwel u t-tieni talbiet tiegħu, allura lanqas ma jistghu' jiġu milqugħa t-tielet, r-raba, il-hamest u s-sitt talba tiegħu biex jingħata rimedji ohra u kumpens fi flus;*

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Frar 2021, il-Qorti idderiġiet lill-partijiet sabiex jagħmlu provi u jittrattaw l-ewwel eċċezzjoni premliminari qabel ma ssir il-konsiderazzjoni tal-mertu.

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2021, l-intimati ppreżentaw nota b'żewġ dokumenti (Dok A u Dok B, fol 51 u fol 52 sa 53, rispettivament) u żewġ affidavits, dak ta' Dr Charlene Muscat (Dok CM, fol 54 sa fol 55), b'dokumenti annessi (fol 56 sa fol 80) u dak ta' Prof Anthony Serracino Inglott (Dok ASI, fol 81) b'dokument anness (fol 82) u rat id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-intimati fis-sens illi ma kellhomx aktar provi xi jressqu dwar l-ewwel eċċezzjoni.

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2021 xehdu **Dr Frank Fabri**, **Profs Anthony Serracino Inglott** u **Dr Charlene Muscat**, lkoll prodotti mir-rikorrenti.

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' Jannar 2022, id-difensur tar-rikorrenti iddikjara li m'għandux aktar provi xi jressaq fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali estensivi illi għamlu l-partijiet fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Ġunju 2022 minn fejn jirriżulta illi l-partijiet qabblu li l-kawża setgħet titħalla għal-llum għad-deċiżjoni *in parte.*

**Ikkunsidrat:**

Illi minn qari tar-rikors promotur jirrizulta illi r-rikorrenti qed jilmenta minn lezjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif enunċjati fl-**Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u/jew l-**Artikolu 14 u/jew l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali** kif applikati fil-KAP 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan peress

illi huwa jikkontendi illi t-tħaddim tal-'*Veterinary Studies Scholarships Scheme*' tal-2020 u senjatament l-artikolu 11 tal-istess, kien leżiv u nkonsistenti mad-drittijiet fundamentali tieghu kif sanċiti mill-imsemmija artikoli u dana billi fl-applikazzjoni tagħhom eskludew il-possibilita` tar-rikorrenti li jibbenifika minn borża ta' studju għall-istudji tiegħu u dana stante li hu beda l-istudji tiegħu fl-2014 mentri kien eleġibbli għaliha min beda l-istudju tiegħu mill-2016 'l quddiem.

Illi minn naħa taghhom, l-intimati laqgħu billi qalu, b'mod preliminari - **u ghal finijiet ta' din id-decizjoni, qed issir referenza biss għall-ewwel eċċezzjoni** - illi r-rikorrenti kellu għad-disposizzjoni tiegħu rimedju ordinarju billi:

(a) jressaq kawża ordinarja kontra s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjiegi sabiex il-Qorti tordnalhom illi huwa eleġibbli għall-imsemmija borża ta' studju skont l'iskema, u

(b) jressaq ilment taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex iħassar deċiżjoni amministrattiva.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Jirriżulta li fl-artikolu 11 (fol 21) tal-*Veterinary Studies Scholarships Scheme Regulations 2020* (minn hawn 'l quddiem imsejjħa r-regolamenti) esibiti bħala Dok C mar-rikors promotur jingħad li:

> *For the purposes of this scheme no other commencement date prior to 2016 will be accepted.*

Jirriżulta li fil-korrispondenza datata 25 t'Awissu 2020 (Dok D a fol 29) ir-rikorrenti ġie informat li l-applikazzjoni tieghu kienet ikkunsidrata bhala "ineleġibbli" għal borża ta' studju u dan ai termini tal-klawsola 11.1 tar-regolamenti mill-*Veterinary Studies Selection Board* (minn hawn 'l quddiem imsejjaħ il-Bord).

Jirriżulta illi bid-deċiżżjoni tal-i*Scholarships Appeals Board* (minn hawn 'l quddiem imsejjaħ il-Bord tal-Appell) datata 7 t'Ottubru 2020 (Dok E a fol 31), id-deċiżjoni tal-Bord ġiet ikkonfermata bħala korretta.

Fl-affidavit tagħha **Charlene Muscat,** Chairperson tal-Bord tal-Appell, tispjega li appena ġiet infurmata bl-appell tar-rikorrenti hi sejħet laqgħa

mal-membri tal-Bord tal-Appell sabiex jiġi diskuss il-każ u jkun hemm deċiżjoni dwaru. Tgħid li l-laqgħa saret it-Tnejn 14 ta' Settembru 2020 u kien hemm preżenti għaliha hi u tliet membri oħra, mentri żewġ membri oħra kienu skużati. Tispjega li l-Bord tal-Appell ra l-appell tar-rikorrenti flimkien mal-fajl u d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell kienet li l-Bord kien korrett fl-evalwazzjoni tiegħu u li r-rikorrent ma setgħax ikun meqjus eleġibbli għaliex hu kien beda l-istudju tiegħu fl-2014, mentri r-regolamenti kienu jistiplaw li kellhom jiġi kkunsidrati biss min beda l-istudju tiegħu mill-2016 'l quddiem.

In kontro-eżami tispjega li l-irwol tal-Bord tal-Appell huwa li jara li l-proċedura li uża l-Bord tkun waħda korretta u li d-deċiżjoni meħudha tkun tirrispetta r-regolamenti. Tikkonferma li l-Bord irid jinterpreta u jimxi mar-regolamenti kif inhuma.

Fl-affidavit tiegħu, il-**Prof Anthony Serracino Inglott** jgħid li huwa jokkupa l-kariga ta' Chairperson tal-*Veterinary Studies Board* fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni. Jispjega li l-applikazzjoni tar-rikorrenti għal borża ta' studju ġiet rifjutata unikament minħabba li hu ma kienx eleġibbli taħt l-artikolu 11.1 tar-Regolamenti minħabba li hu kien beda l-istudju tiegħu fl-2014.

In kontro-eżami jispjega li l-irwol tal-Bord kien li tiġi determinata l-eleġibbilita` tal-kandidati u sabiex jagħmel l-interviews u jpoġġi lill-applikanti fl-iskala skont l-interview, skont ir-regoli mgħoddija lill-Bord.

Jgħid li l-*cut off date*, u ċioe` l-2016, kienet parti mill-istruzzjonijiet u riedet tinqata` linja skont dak il-perjodu. Jispjega li l-Bord m'għandux id-diskrezzjoni jvarja l-proċedura. Jispjega li fil-każ ta' dawk li jiġu meqjusa eleġibbli, xogħol il-Bord huwa mbagħad li jagħmel lista ta' *order of merit* skont l-evalwazzjoni li tkun saret. Jgħid li ma ġiex indikat lilu xi limitazzjoni ta' numru dwar kemm għandhom ikunu eleġibbli għal borża ta' studju. Jgħid li kull minn kien eleġibbli sarlu l-interview. Jgħid li hu ma kienx involut fit-tfassil tar-regolamenti.

Fix-xhieda tiegħu **Dr Frank Fabri,** Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, jgħid illi hu ma jkunx involut fl-istadju tal-operat meta tinħareġ skema għall-borża ta' studju. Jispjega li f'dawn il-każijiet tinħareġ sejħa pubblika li tkun marbuta mar-regolamenti pubbliċi li jkunu ħarġu, imbagħad ikun hemm l-applikazzjonijiet u jkun hemm

bord speċifiku sabiex jipproċessa s-sejħiet. Jgħid li l-iskema ħarġet għax il-Ministeru ħass il-bżonn li joħroġ din il-borża ta' studju. Jgħid li f'dan il-każ inħass in-nuqqas ta' kors simili f'Malta u għalhekk il-Ministeru ħass li borża ta' studju f'dan is-sens tkun qeda tgħin biex iżżid il-valur.

Jispjega li s-sena 2016 hija *cut-off date* fir-regolament ippubblikati li kienu ċari mill-bidunett. Jispjega li din saret għax il-Ministeru ħass illi kellu joffri din l-opportunita` bħala borża ta' studju lil dawk l-istudenti wkoll li kienu diġa` għaddejjin bil-kors li nfetaħ minn dik id-data 'l quddiem.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mis-**sottomissjonijiet** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

**L-intimati,** fis-sottomissjonijiet tagħhom fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni minnhom moghtija u hawnekk deciza, jirreferu ghal zewg suppozizzjonijiet fir-rigward ta' rimedju ordinarju;

(a) "*...jekk kif qed ighid ir-rikorrenti, huwa kellu jinghata l-borza ta' studju, ........... allura r-rimedju li kellu juza r-rikorrenti huwa illi jressaq kawza ordinarja ..... sabiex il-Qorti tordnalhom illi jirrikonoxxu illi huwa eligibbli.....*" u

*(b) "....jekk ir-rikorrent qieghed jattakka d-decizjonijiet amministrattivi mehuda mill-konvenuti ........... allura jmissu nieda azzjoni taht l-Artikolu 469A tal-KAP 12 ...... biex ihassar dawk id-decizjonijiet ...."*

Min-naħa tiegħu, **ir-rikorrent** isostni li l-ilment huwa wieħed ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali u mhux merament ta' interpretazzjoni jew applikazzjoni ħażina ta' xi sett ta' regolamenti. Isostni li azzjoni quddiem Qorti ordinarja ma tista` qatt tirnexxi għax huma r-regolamenti nnfushom li huma leżivi għad-drittijiet fundamentali u diskriminatorji.

Fir-rigward ta' azzjoni taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrent isostni li l-kwistjoni odjerna ma tirrigwardax it-tħassir ta' azzjoni amministrattiva iżda tolqot il-qofol stess ta' kif ir-regolamenti ġew ifformolati u mħejjija mill-bidu u b'hekk it-talba rikorrenti hija li jiġu sindikati l-kunsidrazzjonijiet illi ittieħdu mill-intimati li wassluhom sabiex jifformolaw din l-iskema. Isostni li l-*cut off date* tal-2016 kif kontenuta fl-

iskema ma tista qatt tkun soġġetta għal xi interpretazzjoni amministrattiva differenti u b'hekk l-ilment huwa ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali għax propju tali *cut-off date* ħolqot sitwazzjoni ta' diskriminazzjonu u inġustizzja.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Il-Qorti tqis illi **L-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li:

> *"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk iddirettivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

Filwaqt li l-**Artikolu 4(2) tal-Kap 319** tal-Liġijiet ta' Malta, similarment jipprovdi li:

> *(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.*

Tqis ukoll illi ngħad hekk fis-sentenza ghall-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et**[2] –

> *"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "**Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine**" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*
>
> *"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*
>
> *a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*
>
> *b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;*
>
> *c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*
>
> *d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*
>
> *e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*
>
> *f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

[2] 68/2011, deċiża fid-29 ta' April 2013 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "**Philip Spiteri vs Sammy Meilaq**" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f'xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni. Ghalhekk ma setax jinghad f'dan il-kaz li kellhom qabel jigu ezawriti rimedji ordinarji". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

*……*

*Fil-kawża fl-ismijiet "**Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et**" (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-meżżi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et**" deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm meżżi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien*

> *ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et**[3] b'riferenza għal aktar ġurisprudenza, elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

> *"Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli."*[4]
>
> *"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indoli Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra."*[5]
>
> *"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha."*[6]
>
> *"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[7].

Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi fir-rigward tal-ewwel suppozizzjoni mressqa mill-intimati, cioe` l-ewwel parti tal-eccezzjoni fejn l-intimati jsostnu illi r-rikorrent seta' "*jressaq kawza ordinarja ..... sabiex il-Qorti tordnalhom illi jirrikonoxxu*

---

[3] Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005; deċiż fis-27 ta' Frar 2006
[4] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta' Marzu 1994
[5] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t'April 1995
[6] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta' Frar 2002
[7] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta' Mejju 2000

*illi huwa eligibbli.....*", il-Qorti tqis illi ma hemm l-ebda dubju li kwalunkwe azzjoni li tattakka l-interpretazzjoni tar-regolamenti kienet tkun inutli u dana stante li r-regolamenti huma ċarissimi dwar sa' liema data wieħed kien ser ikun eleġibbli għall-borża ta' studju. B'hekk azzjoni quddiem il-Qrati Ċivili kontra s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impiegi sabiex il-Qorti tordna illi r-rikorrent jiġi rikonoxxut bħala eleġibbli għall-imsemmija borża ta' studju ċertament li ma setgħet qatt tagħti rimedju effettiv lir-rikorrenti għax anke dik il-Qorti kienet tkun marbuta bl-istess Regolamenti.

F'dan is-sens, il-Qorti tqis illi din l-ewwel parti tal-eccezzjoni mressqa ma ghandiex mis-sewwa.

Fir-rigward tat-tieni suppozizzjoni, cioe` illi r-rikorrenti messu pproceda quddiem il-Prim Awla bis-sahha tal-Artiklu 469A tal-KAP 12, din il-Qorti ghandha rizervi serji kemm, fil-kuntest u fid-dawl ta' dak premess u hawnekk mitlub mir-rikorrenti, azzjoni bhal dik setghet titqies bhala rimedju effettiv ghar-rikorrenti.

L-Artikolu **469A tal-Kap 12** tal-Liġijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:

> *469A (1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjarawdak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:*
>
> *(a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*
>
> *(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*
>
> *(i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew*
>
> *(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijietta' qabel dwar dak l-egħmil; jew*

*(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

*(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi*

Il-liġi tkompli billi tiddefinixxi t-terminu "egħmil amministrattiv" bħala *il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika.*

Filwaqt illi r-rikorrent ighid illi l-kwistjoni odjerna ma tirrigwardax it-tħassir ta' azzjoni amministrattiva iżda tolqot il-qofol stess ta' kif ir-regolamenti ġew ifformolati u mħejjija mill-bidu u b'hekk it-talba rikorrenti hija li jiġu sindikati l-kunsidrazzjonijiet illi ittieħdu mill-intimati li wassluhom sabiex jifformolaw din l-iskema, il-Qorti tqis illi mhux eskluz illi dak fih inniffsu jikkostitwixxi eghmil amministrattiv. Kien ghalhekk ikun dibattitu interessanti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fi proceduri ai termini tal-Artiklu 469A tal-KAP 12 dwar jekk il-hrug tar-regolamenti fihom nfushom humiex decizjoni amministrattiva o meno.

Il-Qorti tqis pero` illi l-fatt wahdu illi hemm dan id-dubbju car, ma jistghax jinghad illi huwa car illi kien hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent.

Illi hemm kunsiderazzjonijiet ohra illi jridu jsiru.

Il-Qorti tibda' biex tqis u tosserva illi t-talbiet tar-rikorrenti huma intrinsikament marbutin mal-allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu ai termini tal-**Artiklu 45** tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Din il-Qorti tirreferi hawnekk ghal dak deciz anke mill-Qorti Kostituzzjonali, fost ohrajn fil-kawza **Paul Magri u martu Jane vs Prim Ministru u s-Sindku u Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali Qormi u Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, deciza fit-30 ta' Ottubru 2015[8]:

[8] 11/2012JZM

*Din il-Qorti tibda sabiex taghmel referenza ghal uhud mill-principji identifikati mill-gurisprudenza lokali fil-materja ta' rimedju ordinarju fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 469A tal-Kodici tal-Procedura.*

*"Rikors Kostituzzjonali huma minn natura taghhom, specjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tigi uzata u adottata qabel ma l-Gvern jew l-amministrazzjoni taghha jigu akkuzati bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Ma jistghax jinghad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali tal-cittadin, meta lic-cittadin ikunu provduti u hemm disponibbli ghalih rimedji ghal-lanzjanza tieghu" [PA* ***Nardu Balzan Imqareb vs Registratur tal-Qrati****, deciza 18 Mejju 2006; ara wkoll Q.Kos.* ***Christopher Hall et vs Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali****, deciza 18 Settembru 2009]]*

*"Il-principju kellu dejjem ikun illi l-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili kellhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appositi b'finalita` ta' rimedju mhux dejjem identiku. Kif gja' gie rilevat f'gudikati ohra, ir-rimedju taht l-Artikolu 469A taht certi aspetti kien wiehed limitat waqt li l-Qorti Kostituzzjonali ma kellha ebda limitu fl-ghazla tar-rimedju xieraq li setghet takkorda. [Q.Kos* ***Emanuel Ciantar vs Kummissarju tal-Pulizija****, deciza 2 Novembru 2001]*

*"Kif accennat, l-eghmil amministrattiv jista' jikser il-Kostituzzjoni fir-rigward ta' hafna jeddijiet tutelati fiha li ma humiex dawk protettivi tal-jeddijiet fundamentali. F'dawn il-kazijiet kollha, is-subinciz (1)(a) taht ezami isib applikazzjoni immedjata. Fejn, mill-banda l-ohra, l-agir amministrattiv ikun allegatament leziv tal-jeddijiet fondamentali, id-domanda kellha tkun jekk l-allegata vjolazzjoni kinitx jew le koperta taht il-ligi ordinarja.... Fejn dawn il-ligijiet jaghtu rimedju ghall-lezjoni – u fost dawn il-ligijiet kellu jitqies l-artikolu 469A tal-Kap.12 – individwu kellu l-ewwel jirrikorri ghar-rimedju ordinarju quddiem it-tribunali qabel ma jirrikorri finalment ghar-rimedju straordinarju quddiem il-Qorti*

> *"Fi kliem iehor ..... l-appellanti (jew, qabilhom, l-awtur taghhom) ma setghux jifthu kawza ordinarja ghal stharrig gudizzjarju taht is-subartikolu 1(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, u jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom protetti taht il-Kostituzzjoni, ghax dak is-subartikolu jirreferi ghal ksur tal-Kostituzzjoni minn ghemil amministrattiv li (i) ma jkunx jammonta ghall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikoli 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini ta' l-istess Kostituzzjoni jkun jista' jigi mistharreg mill-qrati ordinarji. U, bl-istess argument – cioe` li wiehed ghandu jzomm il-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili separati u distinti – il-kliem "imur mod iehor kontra l-ligi" fis-subartikolu (1)(b)(iv) tal-Art. 469A jirreferi ghal kwalsiasi ligi ad eskluzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni kif inkorporati fil-Kap. 319 ...[Christopher Hall, supra]*
>
> *"A skans ta' ekwivoci, din il-Qorti taghmilha cara li mhux qed tghid li meta jigi allegat ksur tad-drittijiet fondamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u/jew bil-Konvenzjoni l-intimat jew intimati ma jistghux jissollevaw, anke b'success, l-"eccezzjoni" li kien hemm mezz jew mezzi ohra xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat, jew li l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostitituzzjoni (u d-disposizzjoni analoga tal-Kap. 319) ma jistax jigi applikat ex officio mill-Prim Awla jew minn din il-Qorti, meta tali rimedju xieraq ravvizat ikun jikkonsisti fil-procedura tal-istharrig gudizzjarju skont l-imsemmi Artikolu 469A; <u>dak li qed jigi deciz hu li jekk il-mezz xieraq ta' rimedju ravvizat ikun jikkonsisti biss fi stharrig gudizzjarju (in bazi ghas-subartikoli 1(a) jew (1)(b)(iv) tal-Artikolu 469A) ghar-raguni biss li l-eghemil amministrattiv ikun jilledi xi wiehed mill-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew ikun jilledi d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni inkorporati fil-Kap. 319, tali "eccezzjoni" ghandha tigi skartata bla tlaqliq bhala manifestament infondata, u, s'intendi, il-proviso msemmi m'ghandux, f'tali sitwazzjoni, jigi applikat ex officio mill-Qorti</u>.[9]" [Christopher Hall – supra]*

Il-Qorti tqis illi din mhix xi pozizzjoni illi baqghet minghajr kritika u fid-dawl tal-fatt illi s-sistema gudizzjarja taghna mhix marbuta bil-kuncett

[9] Sottolinear tal-Qorti ghall-emfasi

legali tal-'*precedent*', allura tqis illi ghandha tghaddi biex tifli, per ezempju, dak li kiteb Dr Tonio Borg fil-ktieb tiegħu '**Leading Cases in Administrative Law'**, f'paġna 135, fejn jikkummenta hekk:

> *"The Court had no right to draw a distinction where the law did not lay down any: one could challenge the law as being unconstitutional in the sense that an ordinary law, namely 469A(1)(a), was "usurping" the special constitutional action under article 46 of the Constitution and amalgamating it with an ordinary law action. But the Court had no right to spontaneously draw a distinction between breaches of the Constitution under article 46 and the rest of the Constitution; according to the Court, the former were excluded under article 469A, the latter not. The oft-quoted maxim ubi lex non distinguit nec nos distinguere debemus seems to have been either forgotten or thrown overboard."*

B'mod simili, fil-ktieb **Judicial Review of Administrative Action in Malta** f'paġna 59, Dr Ivan Mifsud jgħid is-segwenti:

> *"To deny article 469A COCP action on the basis of human rights under article 469A(1)(a) when the lawmaker made no such distiction, and breaches of natural justice are allowed anyhow under 469(1)(b), while the Constitution itself requires that existing remedies are to be exhausted, amounts to judge-made law at its most confusing"*

Il-Qorti tosserva ukoll dak li ntqal fit-teżi intitolata '**Judicial Review of Administrative Action in Malta**'[10] f'paġna 153, fejn l-awtur Dr Tonio Borg jgħid is-segwenti:

> *"It is fair to say, however, that the fusion of the administrative law and constitution law action flouts the constitutional norm that a constitutional action on human rights can only be submitted after exhausting all other ordinary remedies. If plaintiff challenges an administrative act under article 469A he ex admissis accepts that an ordinary remedy already exists; and that therefore recourse to the constitutional action is*

---

[10] Universita' ta' Malta; Fakulta' tal-Ligi, 2018, ghall-otteniment tal-Ph.D.

> *unnecessary; for the strongest argument against fusion of the two actions remains the exhaustion of adequate ordinary remedies rule. It is true that this norm contained in the proviso to article 46(2) confers only a discretionary power to the courts to decline jurisdiction; but it is a power which is usually applied with vigour to prevent the confusion between civil or administrative and constitutional issues. The fear that this would be aggravated by means of such fusion is too strong to uphold and endorse the two-in-one approach implied by article 469A and probably intended by the legislator."*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi jifdal, fid-dawl ta' dak hawnekk diskuss, jekk din il-Qorti ghandiex tezercita id-diskrezzjoni taghha li tiddeklina milli tisma' din il-kawza o meno, u ghaliex.

Fl-imsemmi ktieb tiegħu "**Leading Cases in Maltese Constitutional Law**" Dr Tonio Borg, f'paġna 608 jgħid is-segwenti:

> *The proviso to article 46(2) has been abused of by both the Court and by defendants who have raised it in several constitutional cases. Although the constitutional remedy is one of last resort, it is up to the Court to decide whether to decline to exercise its jurisdiction. The discretion to be exercised by the Court is double. It first decides whether an adequate, accessible, practical remedy under ordinary law exists to its satisfaction, and then it has another discretion, that of deciding whether to continue hearing the case or not. It is amply clear that even if an ordinary remedy exists, the Court of constitutional jurisdiction may still refuse to decline to exercise its constitutional competence. What is a discretion of the Court has been transformed into a standard plea raised by the Attorney General's Office and other defendants in constitutional cases.*

Jinghad ghalhekk qabel xejn, kif anke accennat aktar il-fuq, illi d-diskrezzjoni ta' din il-Qorti illi tiddeklina illi tezercita il-poteri taghha o meno fil-kuntest tal-proviso ghall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa wiehed wiesa'.

Isegwi li l-Qorti jeħtiġilha tindaga fl-ewwel lok, jekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, ir-rikorrent kellux a dispożizzjoni tieghu rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnhu.

Il-Qorti tqis ukoll il-fatti specie ta' dan il-kaz u tqis illi ghandu almenu jkun pacifiku jinghad illi dak li jidher illi kostantament gie deciz mill-Qrati taghna, mhux necessarjament illi jsib il-konfort u s-sostenn fil-ligi miktuba taghna.

Il-Qorti tqis illi dan l-istat ta' incertezza, li certament mhux mahluq minn xi azzjoni da parti tar-rikorrent, ghal finijiet ta' din l-eccezzjoni hawnekk diskussa u deciza, tista' biss timmilita a favur ir-rikorrent u kontra l-akkoljiment tal-istess eccezzjoni mressqa mill-intimati. Il-Qorti, fid-dawl ta' dan diskuss, ma tista' qatt tkun serena tghid illi r-rikorrenti kellu rimedju iehor effettiv, xieraq u adegwat biex jindirizza l-ilment tieghu, partikolarment in vista tal-komplessita' tal-vertenza mressqa.

Madankollu jispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li fil-parametri tad-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni - tagħżel hi jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et**[11]:

> *"….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha"*

Il-Qorti trid taghmilha cara illi b'dak illi qed tghid u tiddeciedi l-Qorti illum, hadd ma ghandu jahseb jew jinterpreta din id-decizjoni bhala decizjoni tal-Qorti fil-mertu – imma trid titqies biss fil-kuntest tal-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata u hawnekk diskussa u deciza.

[11] Rik 40/10, deċiż fil-25 ta' Mejju 2016

Il-Qorti ghalhekk tqis u thoss illi ghandha tezercita d-diskrezzjoni ulterjuri taghha billi ma tiddeklinax milli tisma' u tiddeciedi din il-kawza fil-mertu.

Il-Qorti qeghda ghalhekk issib illi l-eċċezzjoni preliminari tal-intimat ma hix fondata u ser tiġi respinta.

**Għaldaqstant** għar-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, din il-Qorti qeghda:

1. **Tichad** l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati;

2. **Tordna** l-prosegwiment tal-proceduri odjerni u tordna lir-rikorrent iressaq il-provi tieghu fid-dawl u fil-parametri ta' dak minnhu premess u mitlub.

L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom ikunu a karigu tal-intimati.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**